**Fid-duluri tiegħek Marija**

Illum festa nazzjonali
Għaliex bħalek ħafna mnikktin,
Għax fl-istess familji tagħhom
Kemm ihossuhom barranin.

Dan kollu għax ħaddnu valuri
Li d-dinja b'saħħa ma tridhomx,
Imma huma daqshekk qalbiena
Li.jgħixuhom, ma jarmuhomx.

Huma l-istess valuri t'Ibnek
Għalihom ma ddejjaqx li jmut,
Għaliex moħħu u qalbu kienu
Kif se jgħin lil min kien batut.

Hemm ara Marija x'għamlulu
Dawk stess li ghamlilhom tant ġid,
Kif xlewh, qatgħuhielu għall-mewta
Hekk kiefra u bla ħniena lis-Sid.

Ta' kollox, tal-ħajja w tal-bniedem
Li baqa' hekk jiġri warajh,
Ħalli lilu jifdi bl-imħabba
Jekk jilqgħu minn qalbu, minn rajh.

Itlob ħafna għalina Ommna
Fin-niket tiegħek weżinna,
Biex nagħżlu dejjem l-għażiż Ibnek
Għax Hu jista' jħenn għalina.

Fid-duluri tiegħek Marija
Ressaqna lejn Ibnek Ġesù,
Illum, kif tkun fit-toroq tagħna
Erġa ħudna f'triq il-virtù.

Patri Mario Attard OFM Cap
11 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu